MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 1006/2006

**Talba Nru: 1006/06PBC**

**SMW Cortis Limited (C-6728)**

**Vs**

**Clint Carrhehir**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf hames mija u sebgha u tletin Euro u disgha u tletin centezmu (€1,537.39) - (Lm660) liema ammont huwa rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` xoghol ta` injam ordnat mill-konvenut u debitament konsenjat lilu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, hames mija u sebgha u tletin Euro u disgha u tletin centezmu (€1,537.39) - (Lm660), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------